**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2020**

**Talba Nru: 126/19 CZ**

**Margaret Scerri u Joseph Galea**

**vs.**

**Elton Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fit-3 ta' Gunju 2019 fejn talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallashom l-ammont ta' hamest'elef Euro (€5,000) u ppremettew:

1. Illi l-atturi ffirmaw skrittura privata (Dok. A) mal-konvenut sabiex jaghmel xoghol t'appalt fir-residenza taghhom;
2. Illi fl-iskrittura l-konvenut intrabat li jibda x-xoghlijiet rikjesti nhar it-30 ta' Gunju 2018 filwaqt illi x-xoghol kellu jkunb konkluz nhar it-30 ta' Settembru 2018. Fl-eventwalita' illi x-xoghol ma jkunx lest sa din id-data, il-konvenut kellu 22 gurnata zmien fejn huwa kellu jiffinalizza x-xoghol u cioe' sa nhar it-22 t'Ottubru 2018. Jekk ix-xoghol ma jkunx lest sat-tali data, tiskatta l-

penali ta' hamsin Euro (€50) kuljum, u dan kif johrog minn klawsola 11 tal-iskrittura privata;

3. Illi l-konvenut ma baqax jahdem b'mod regolari fir-residenza tal-atturi u dan minkejja li l-atturi intimawh diversi drabi sabiex jikkonkludi x-xoghol rikjest minnu.
4. Illi x-xoghol mill-konvenut fir-residenza tal-atturi waqaf kompletament f'Dicembru 2018.
5. Illi b'konsegwenza tan-negligenza tal-konvenut kif ukoll minhabba l-fatt illi naqas milli jiffinalizza x-xoghol, l-atturi kellhom jidhlu fi spejjez addizzjonali sabiex jaghmlu tajjeb ghal xi hsarat fir-residenzi kontigwi mar-residenza tal-atturi kif ukoll sabiex isewwu l-hsarat ikkagunati mill-istess konvenut fir-residenza taghhom.  Ghal dan il-ghan tqabbad Perit sabiex janalizza l-hsarat fir-residenza kif ukoll jaghti stima tal-ispejjez sabiex il-hsarat jitrangaw (Dok. B) u fejn irrizulta illi dawn jammontaw ghal €900.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, l-atturi umilment jitolbu lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex tiddikjara [sic] id-danni sofferti mil-atturi kif ukoll il-penali li jemergu mill-iskrittura privata u sabiex tillikwida l-istess.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu.  In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra l-iskrittura esebita a fol. 2 et seq tal-process, li minnha jirrizulta illi l-penali mitluba mill-atturi, jekk kalkolati imqar sad-data li fiha giet prezentata l-kawza kienu gia' jaqbzu l-ammont ta' hamest'elef Euro (€5,000) minnhom mitlub.

Ra wkoll illi l-atturi premettew illi l-konvenut waqaf mix-xoghol tieghu kompletament f'Dicembru 2018, u ghaldaqstant ma kienx kapaci jiffinalizza x-xoghol in kwestjoni, u ghaldaqstant ghandu japplika Artikolu 11 tal-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet.

Ra wkoll ir-rapport tal-Perit imqabbad mill-atturi a fol. 5 et seq. tal-process.

Ra ghalhekk li huwa xieraq li s-somma li l-atturi talbu lit-Tribunal jillikwida bhala hlas ghal danni u penali tkun dik ta' hamest'elef Euro (€5,000).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) bl-imghaxijiet legali li jibdew jghaddu mil-lum sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur